Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta’ Frar 2017**
**(OR. en)**

**6168/1/17**
**REV 1**

**COPEN 39**
**EUROJUST 23**
**EJN 11**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Juan Arístegui, Deputat Rappreżentant Permanenti, Rappreżentant Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 7 ta’ Diċembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali<br>- Notifika minn Spanja |

Għażiż Segretarju Ġenerali,

Fir-rigward tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali, għandi l-pjaċir ninfurmak li skont il-Liġi 16/2015 tas-7 ta' Lulju 2015 li tirregola l-istatus ta' Spanja bħala membru nazzjonali fil-Eurojust, il-kunflitti ta' ġurisdizzjoni, in-netwerks ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u l-persunal tal-Ministeru għall-Ġustizzja stazzjonat barra l-pajjiż, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat Nru 1622 tat-8 ta' Lulju 2015, id-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq ġiet kompletament trasposta fis-sistema legali tagħna.

It-tielet dispożizzjoni finali tal-liġi msemmija hawn fuq tiddikjara wkoll li t-termini normattivi tagħha jittrasponu fil-liġi Spanjola d-Deċiżjoni tal-**Kunsill** 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda **id-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-ħsieb tar-rinfurzar tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif ukoll** id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.

Kopja tal-Liġi 16/2015 tas-7 ta' Lulju 2015 imsemmija hawn fuq hija mehmuża ma' dan id-dokument[1].

(Formula ta' għeluq)

(f.) Juan Arístegui

---

[1] Nota mis-Segretarjat: dan it-test mhux mehmuż mad-dokument attwali.